MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2001

Avviz Numru. 1499/2000/1

**Avviz Nru: 1499/00**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera' Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel sive Charles Cini u l-istess Carmel sive Charles Cini**

**Vs**

**James Cefai**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi  talbu l-kundanna tal-konvenut

ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tliet mija tlieta u tletin lira Maltin hames centezmi (Lm333.05c) in kwantu ghal mitejn tmienja u hamsin lira Maltin hames centezmi (Lm258.05c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited nomine u in kwantu ghal hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) lill-attur Carmel sive Charles Cini, in linea ta' danni - minnhom sborsati - in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Hal-Qormi fl-14 ta' Ottubru 1999, meta waqt li l-konvenut kien qed issuq il-vettura Nru. CAS 902 habat mal-vettura Nru. AKC 058 propjeta' tal-attur Carmel sive Charles Cini u misjuqa minnu - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti kkonstatat illi l-pubblikazzjoni saret legalment qieghda tilqa' t-talba attrici u tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett mija tlieta u tletin lira Maltin u hames centezmi (Lm333.05c) li ghandha tithallas in kwantu ghall-mitejn tmienja u hamsin lira Maltin u hames centezmi (Lm258.05c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited fil-kwalita' taghha premess u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) ghandhom jithallsu lill-attur Carmel sive Charles Cini, u dan ghar-ragunijiet kollha indikati fl-avviz. U peress li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni li grat f'Hal-Qormi fl-14 ta' Ottubru 1999. Inoltre l-konvenut ghandu jhallas l-imghax legali fuq l-ammonti dovuti lill-atturi b'effett mill-24 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------